KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta # 18_19/05/10\VI

## MINUTI TAT-TMINTAX- IL SEDUTA

**It-tmintax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **19 ta' Mejju, 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti għas-seduta kienu:**

**Is-Sindku** Nikki Dimech
**Il-Vici Sindku** Joanna Gonzi
**Il-Kunsilliera** Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Cyrus Engerer, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace.

**Is-Segretarju Ezekuttiv** Svetlana Curmi
**L-Uffiċjal** Althea Borg

**Is-seduta bdiet fis-5.55pm.**

Qabel ma bdiet is-seduta, is-Sindku N. Dimech ippropona biex is-seduta titkompla nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju, fil-5.30 ta' filgħaxija peress li kien hemm ħafna materji x'jiġu diskussi. Il-kunsilliera qablu b'mod unanimu.

Il-Vici Sindku J. Gonzi pproponiet li l-laqgħat fejn jiġu aġġudikati t-*tenders* jibdew isiru wara nofsinhar fis-2.30 minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsillier Cyrus Engerer qal li hu wkoll jixtieq jattendi għall-aġġidikazzjoni tat-*tenders* u ppropona biex dawn isiru wara l-ħamsa ta' filgħaxija minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsilliera S. Camilleri pproponiet biex l-aġġudikazzjoni ssir bejn it-3 u l-5 ta' filgħaxija. Is-Sindku N. Dimech issekonda l-proposta tal-Kunsilliera S. Camilleri. Il-Kunsilliera preżenti, bl-eċċezzjoni tal-Kunsillier C. Engerer, ivvutaw favur. Il-Kunsillier C. Engerer ivvota kontra.

### 1. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 17_21/04/10VI

1.1 Il-Vici Sindku J. Gonzi ssuġġeriet li l-kliem "fuq rakkomandazzjoni tal-Ministeru" ikun korrett għal "approvazzjoni mill-pool eżekuttiv tas-Segretarji Ezekuttivi."

1.2 Is-Sindku N. Dimech qal li kien hemm punti li tħallew barra fil-minuti tas-seduta preċedenti u xtaq li jkunu miżjuda mal-minuti. Hu qal li fis-seduta ta' April spjega lill-Kunsilliera li xtaq li jitkompla l-proġett tal-*fairy lights* mal-promenade mill-

Fortina sal-Waterfront. Qal li l-kunsilliera preżenti waqt is-seduta ta' April kollha qablu ma' din il-proposta. Il-Viċi Sindku J. Gonzi qalet illi ma tiftakarx. Il-Kunsill qabel b' mod unanimu li ssir l-*extension* tal-*fairy lights*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li biex jitkompla dan ix-xogħol irid jinħareġ *tender* ieħor minħabba li l-*variance* fuq dan it-tender kienet se taqbeż l-20% stipulata fil-liġi.

1.3 Dwar kont ippreżentat lill-Kunsill f'isem Polidano Group għal xogħlijiet ta' refurbishment fuq l-uffiċċini qabel il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti, is-Sindku N. Dimech qal illi wara li l-Kunsill ivvota b'mod unanimu favur il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti biex isiru dawn it-tip ta' xogħlijiet, l-avukat tal-Kunsill kien ta parir lis-Sindku li ma kienx hemm bżonn li tinħareġ din is-sejħa minħabba *tender* li kien diġà ġie aġġudikat lill-istess fornitur għal xogħlijiet oħra.

1.4 Il-Kunsillier M. Debono qal li flimkien mad-Deputat Eżekuttiv A. Borg kien qara l-i*specifications* tat-*tender* rigward ir-*resurfacing* tat-toroq li Polidano għandu preżentament mal-Kunsill. Hu qal li fil-fehma tiegħu ma setax jintuża l-istess *tender* u għandu jinħareġ *tender* ieħor speċifikament għar-*refurbishment* tal-Kunsill. Iżda, kompla jgħid M. Debono, l-avukat tal-Kunsill kien qallu li ma kienx hemm bżonn li joħroġ *tender*. Wara li kien inqala diżgwid fuq pagament lill-Polidano dwar xogħlijiet ta' *refurbishment* kif imsemmi, il-Kunsillier M. Debono reġa' ltaqa' mal-avukat ġurnata qabel is-seduta (18 ta' Mejju). Din id-darba l-avukat qallu li mhux ċert jekk għandux jinħareġ tender għal xogħlijiet ta' *refurbishment*. Għalhekk M. Debono spejga li kien hemm bżonn li jinħareġ *tender* kif kien ġa approvat fil-laqgħa ta' Marzu. Il-Viċi Sindku J. Gonzi staqsiet jekk hemmx bżonn permess tal-MEPA. Il-Kunsillier M. Debono spjega li m'hemmx bzonn permess tal-MEPA għal mezzanin.

1.5 Is-Segretarju għamlet kjarifika dwar il-kuntratt attwali tat-toroq illi għandu Polidano fejn qalet li l-ispeċifikazzjonijiet għal xogħol fuq toroq ma jaqblux ma' dawk relatati mar-*refurbishment* tal-Kunsill.

1.6 Il-Kunsillier M. Debono żied jgħid illi l-i*specifications* għas-sejħa għal offerti għar-*refurbishment* tal-uffiċċini kien ser jiktibhom hu, iżda l-Kunsilliera J. Galea u C.Engerer qalu illi l-i*specifications* irid joħroghom il-perit tal-Kunsill u mhux kunsillier minħabba kunflitt ta' interess. Is-Segretarju se titlob gwida lid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Ir-risposta se tintalab sa nhar il-{imgħa 21 ta' Mejju, 2010. L-i*specifications* imbagħad għandhom jittelgħu quddiem il-Kunsilliera fil-31 ta' Mejju.

1.7 Il-Kunsillier C. Engerer ppropona sabiex l-i*specifications* ta' kull *tender* jintbagħtu qabel lill-Kunsilliera biex ikunu jistgħu jwasslu l-punti tagħhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-i*specifications* iridu jigu moqrija waqt seduta tal-Kunsill.

1.8 Il-Kunsillier Y. Cali żied jgħid illi d-Deputat Segretarju Althea Borg setgħet tkun deputat għal tlett xhur biss sakemm il-Kunsill jappunta Segretarju Eżekuttiv għax inkella l-Kunsill ikun qed imur kontra l-liġi.

1.9 Il-minuti tas-seduta ta' April għandhom jerġgħu jiġi ttajpjati mill-ġdid biex jirriflettu dawn it-tibdiliet. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tivverifika jekk jistax isir

dan minħabba l-fatt li l-proċedura hi li l-korrezzjonijiet isiru bil-kitba fuq dak li jkun diġa ttajpjat u wara dawn jiġu inizjalati.

**18.28hrs**: Il-Kunsillier P. Pace kien skużat u ħareġ mill-laqgħa.

1.10 Is-Sindku N. Dimech ippropona biex jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda u l-Kunsilliera M. Debono, Y. Cali, M. Aquilina, N. Gauci, S. Camilleri u l-Vici Sindku J. Gonzi ivvutaw favur. C. Engerer u J. Galea astjenew.

1.11 Il-minuti ma ġewx inizjalati sakemm il-Kunsill jirċievi kjarifika dwar kif għandhom jitpoġġew l-addizjonijiet għall-minuti.

## 2. Materji konnessi mal-minuti

2.1 Il-Kunsillier J. Galea xtaq jiċċara li M. Therese Vassallo mhix se tithallas mill-Kunsill.

2.2 Il-Vici Sindku J. Gonzi spjegat illi M. Therese Vassallo mhix se tkun qegħda tirrapreżenta lill-Kunsill. Il-Kunsillier J. Galea tela' Sables D'Alone biex jirrapreżenta lill-Kunsill kif ukoll kien se jattendi għal-laqgħat mal-Kunsill ta' Sables D'Alone dwar il-possibilita' ta' proġetti miż-żewġ lokalitajiet b'fondi tal-UE.

2.3 Il-Kunsillier M. Debono staqsa jekk kinitx intbagħtet ittra lis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti rigward permess li kien ta lis-Sur Stephen Buhagiar biex jitħaffru toqob ġewwa Triq Rudolfu. Kif ukoll jekk intbagħatx rapport lill-perit ta' Polidano.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Talba mingħand is-Sinjura Stefania Friggieri biex tkun tista' taħdem bir-*reduced hours* minn Awissu 2010. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li s-Sinjura Friggieri qed titlob biex taħdem 20 siegħa fil-ġimgħa mqassma fuq erbat ijiem. Il-Kunsilliera kollha qablu b' mod unanimu.

**3.2** Is-Sindku N. Dimech ippropona biex is-seduti tal-Kunsill jibdew jiġu rrekordjati. Kien hemm qbil unanimu rigward dan.

**3.3** Talba mingħand *The Point* biex jiġu installati tabelli informattivi. Il-kunsilliera kollha preżenti ivvutaw kontra. Il-Kunsilliera S. Camilleri talbet biex titella mappa informattiva ġewwa tas-Sliema għall-informazzjoni tat-turisti u l-pubbliku. Is-Sindku N. Dimech spjega kif daqt se jittella' *monitor* biex ikun hemm informazzjoni għall-pubbliku.

**3.4** Is-Sindku N. Dimech ippropona biex toħroġ *tender* rigward Neighbourhood Watch kif ukoll madwar l-istabilimenti kummerċjali biex is-Sliema Business Community tkun tista' tkopri l-ispejjeż għal din l-inzjattiva.

**3.5** Diskussjoni sabiex jigi ingaġġat skrivan ieħor mal-Kunsill fuq Skala 15. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jiġi ngaġġat skrivan ieħor li jkun fuq *Customer Care*.

3.6 Is-Sindku N. Dimech fakkar lill-Kunsilliera dwar iċ-ċerimonja tal-100sena mit-twaqqif tal-iskola. Semma li l-iskola talbet il-Kunsill jagħmel plakka kommemorattiva. Inqara t-test li se jkun miktub fuq il-plakka. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

3.7 Is-Sindku N. Dimech qal li hemm bżonn li tinħareġ *tender* rigward l-assikurazzjoni fuq l-assi tal-Kunsill peress li dawn żdiedu u se jaqbżu l-ammont għal-*direct order* lill-kumpanija tal-assigurazzjoni. I-Segretarju Eżekuttiv spjegat li saret estensjoni tal-polza assikurattiva preżenti sakemm tinħareġ it-*tender*.

3.8 Is-Sindku N. Dimech spjeja wkoll li se jsir *mid-term audit* minħabba l-bidla fis-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-ħlas għal dan l-*audit* għandu jsir mill-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu b'mod unanimu rigward dan.

## 4. Approvazzjoni tal-pagamenti

4.1 Giet diskussa ċ-ċedola tal-pagamenti addizjonali. Cheque numru 684 PJV number 505/10 ta' €36,000 indirizzat lil Polidano m'għandux jitħallas għaliex kif diskuss għandu jinħareġ *tender* għal xogħol ta' refurbishment fuq l-ufficċini tal-Kunsill. Il-Vici Sindku J. Gonzi, il-Kunsilliera C. Engerer u J. Galea qalu li ma jistax jinħareġ pagament qabel ma' jinħareġ it-tender. Qalu li jridu jaraw il-BOQ li kien għamel il-Perit Cachia rigward in-nefqa ta' dawn ix-xogħlijiet. Hawnhekk il-Kunsillier M. Debono reġa' semma li kien hemm diżgwid mill-avukat tal-Kunsill dwar dan.

4.2 Il-Kunsillier C. Engerer staqsa kif ingħata t-tender lill-PMG għall-forniment u l-installazzjoni tal-*fairy lights* fuq il-promenade. Staqsa għaliex ix-xogħol fuq dan it-tender qed isir b'pass daqshekk mgħaġġel. Is-Sindku N. Dimech qal li sar hekk minħabba li l-Papa kellu jgħaddi minn tas-Sliema u għalhekk kienu qed jgħaġġlu fuq dan il-proġett. Il-Kunsillier C. Engerer staqsa għalfejn ġie mqabbad il-Konsulent Peter Calleja. Is-Sindku N. Dimech wieġeb li l-proċess beda f'Ottubru u li tqabbad is-Sur Calleja minħabba li hu kien l-espert fis-siġar.

4.3 Is-Sindku N. Dimech qal li kien hemm biss kuntrattur wieħed li tefgħa t-*tender* skont l-ispeċifikazjonijiet tal-Kunsill. Qal li l-istess kwalità ta' bozoz għandha tintuża biex jitkompla l-proġett.

4.4 Il-Vici Sindku J. Gonzi qalet li ma taqbilx mal-ħlas numru 0506/10 fuq iċ-ċedola għaliex kien għadu ma ħariġx it-*tender* biex ikun estiż ix-xogħol tal-*fairy lights*. Dan il-pagament huwa għal xogħol fuq trinka li saret fuq il-promenade iżda li ma kinitx imniżżla fl-i*specifications* għall-proġett. Il-Kunsillier M. Debono qal li dan it-tender kien sar ~~flimkien mal~~ mill-konsulent Peter Calleja għaliex huwa kien jifhem fuq dan it-tip ta' xogħol. Il-Kunsilliera M. Aquilina u l-Kunsillier S. Camilleri qalu li l-affarijiet hemm bżonn li jsiru b'mod aktar ċar.

4.5 Il-Vici Sindku qalet li ż-żewġ pagamenti: PJV number 505/10 u 506/10, li ġew imneħħija minn fuq iċ-ċedola ma kienux koperti b'*tender*.

4.6 Is-Sindku N. Dimech qal il-Kunsill ħa żball għax ma kienx jaf li kien se jkun hemm varjazzjoni daqshekk kbira meta qal li se jestendi l-proġett tal-*fairy lights*.

4.7 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li mhux ser jinħarġu dawn il-pagamenti qabel ma l-affarijiet ikunu skont il-liġi finanzjarja tal-Kunsilli Lokali.
Il-Kunsillier J . Galea qal li l-*meetings* dwar dawn it-tip ta' proġetti għandhom jibdew isiru fl-uffiċċini tal-Kunsill.

4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi jrid jinħareġ *tender* ieħor biex jitkompla l-proġett tal-fairy lights u li jkun ikopri l-ammont ta' siġar addizjonali. Qalet li kien hemm żball fil-pagamenti ta' dan it-tender għaliex l-ammont li kien qed jiġi kkwotat kien ta' €98,000 minflok kif ġie kkwotat fl-għotja jiġifieri ta' € 96,570.

**19.30hrs**: Il-Kunsillier N. Gauci ħareġ mill-laqgħa.

4.9 Il-Kunsill qabel li l-iżball ta' bejn wieħed u ieħor €2,000 għandhom jinqatgħu mill-pagamenti pendenti jew futuri. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**19.50hrs**: Is-seduta ġiet sospiża biex ikun jista' jitkellem is-Sur Balzan, resident fi Triq Sant' Enriku.

~~4.10 Is-Sur Balzan tkellem dwar il-problema ta' Triq Sant' Enriku u staqsa kemm ser iddum din it-triq biex titlesta mix-xogħlijiet kollha.~~

4.11 Il-Kunsilliera J. Galea u C. Engerer staqsew għaliex ix-xogħol kien qiegħed idum daqshekk. Is-Sindku N. Dimech qal li l-Kunsill ma kienx ħallas it-tieni pagament lill-Polidano, il-kuntrattur inkarigat mit-toroq f'tas-Sliema. Il-Kunsillier M. Debono qal li saret laqgħa mal-Perit Cachia filgħodu (19 ta' Mejju) fejn intqal li fi żmien ġimgħa t-triq titlesta.

**20:00hrs**: Is-seduta tkompliet.

4.12 Is-Sindku N. Dimech qal li l-ftehim mal-Green MT kien għadu ma ġiex iffirmat minħabba li l-Green MT ma għamlitx kuntatt mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart preżenti. Il-Kunsillier J. Galea qal li jekk sal-31 ta' Mejju ma jiġix iffirmat dan il-kuntratt jiġu involuti il-Green Pak. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu dwar dan.

4.13 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi kien hemm ħtieġa kbira sabiex il-Kunsill jibda jitlaqa' kull ġimgħatejn biex jiġi diskuss xogħol, prijorità tax-xogħol meħtieġ mill-Kunsill kif ukoll rigward pagamenti, stimi u kwotazzjonijiet. Is-Segretarju spjegat lill-Kunsill illi għal xogħol inqas minn €1165 irid ikun hemm kwotazzjoni qabel ma jinħareġ ordni għax-xogħol. Fejn in-nefqa tkun bejn €1165 u €4666 irid jkun hemm avviżi għal kwotazzjonijiet fuq il-Gazetta tal-Gvern u mill-inqas f' ġurnal ta' kuljum, waqt li għal xogħol li jiswa 'l fuq minn €4666 trid tinħareġ sejħa għall-offerti.

Is-Seduta twaqqfet fid-21.00 pm u se titkompla nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju, 2010.

Johanna Gonzi
Sindku

Svetlana R. Curmi
Segretarju Eżekuttiv